# IT-TIENI SEZZJONI

## — AWLA KUMMERĊJALI

---

22 ta' Jannar, 1954.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Gio Maria Vella et. *versus* Giovanni Bonanno

**Lokazzjoni — Ħlas tal-Kera — Solidarjetà — Art. 1132 tal-Kodiċi Civil.**

*Il-fatt li l-inkwilin ikollu mikrija għandu żewġ fondi b'kera uniku, li jkunu jappartjenu lil żewġ sidien, ma jfissirx li bl-uniċità tal-kera komuni għaż-żewġ fondi hemm solidarjetà attiva fis-sidien tal-kera, imma kull wieħed mis-sidien għandu dritt għal sehmu mill-kera. Għax il-kera hu diviżibili, u fl-assenza ta' ftehim apposta bejn is-sidien tal-kera ma hemmx solidarjetà favur tagħhom; u s-solidarjetà ma tistax tiġi preżunta.*

*Konsegwentement ebda wieħed mis-sidien ma hu intitolat jitlob il-kera kollu; u hekk ukoll l-inkwilin ma jistax jippretendi li jħallas il-kera intier lil wieħed minnhom biss.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru 1953, fejn jinsabu mniżżlin it-talbiet ta' l-atturi u l-eċċezzjoni tal-konvenut, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-29 ta' Mejju 1953, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra l-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-fondi in kwistjoni kienu oriġinarjament mikrijin lill-konvenut b'kirja waħda, u li bi transazzjoni magħmula bejn il-partijiet il-kirja kellha tibqa' unika. Dana jfisser li kien hemm miftiehem kera uniku għaż-

żewġ fondi, iżda ma jissegwix li l-unicità tal-kera komuni għaż-żewġ fondi kellha ġġib solidarjetà attiva fis-sidien tal-kera. Ladarba s-sidien kienu tnejn, kull wieħed kellu d-dritt għal sehemu mill-kera; għax il-kera huwa diviżibbli, u fl-assenza ta' ftehim apposta bejn is-sidien tal-kera ma hemmx solidarjetà favur tagħhom, u s-solidarjetà ma tistax tiġi preżunta (art. 1132 Kodiċi Civili). Dan iġib għall-konsegwenza li ħadd mill-atturi, bħala sidien tal-kera, ma kien intitolat jitlob l-intier għalih; u fil-każ li wieħed jirċievi l-kera kollu bla mandat ta' l-ieħor, l-ieħor, fin-nuqqas tal-ħlas ta' sehmu, jista' jdur fuq il-kerrej għall-ħlas ta' sehmu, għax il-ħlas ta' sehmu lill-ieħor ikun sar ħażin, għax il-ħlas għandu jsir lill-kreditur (art. 1195 *Kodiċi Civili*);

Fil-każ in eżami l-atturi *riedu li kull* wieħed jitħallas ta' sehmu *biss*, u *b'hekk* eskludew il-mandat lil xulxin. Iżda l-konvenut ippretenda li jħallas l-intier lil wieħed minnhom biss, u meta offra l-intier lil wieħed, u dana rrofta li jirċievi l-intier, il-konvenut iddepożita l-intier taħt l-awtorità tal-Qorti. Għar-raġunijiet li ġa ġew rilevati, bl-esklużjoni tal-mandat reċiproku, u fl-assenza tas-solidarjetà attiva, ħadd mill-atturi ma kellu l-jedd jirċievi l-intier, u għalhekk il-konvenut lanqas seta' jippretendi li jħallas l-intier lil wieħed minnhom biss. Għaldaqstant, fil-waqt li l-atturi kienu ġustifikati fir-rifjut u reżistenza tagħhom għall-pretensjoni tal-konvenut, il-konvenut ma kienx ġustifikat jiddepożita l-kera kif għamel. Huwa veru li kien fl-okkażoni tat-transazzjoni tal-11 ta' Diċembru 1952, li l-atturi ffissaw mal-konvenut l-ishma rispettivi tagħhom, iżda qabel ukoll l-atturi kienu fissru li kull wieħed minnhom ried idaħħal sehmu indipendentement mill-ieħor, u sakemm ma saretx qasma xort'oħra kellha sseħħ il-preżunzjoni legali li l-ishma tagħhom kienu ndaqs (art. 527 (1) Kodiċi Civili); u għalhekk il-konvenut, meta ġie mitlub iħallas nofs il-kera lil wieħed minnhom, ma kellux raġun jirrofta;

Evidentement il-konvenut beża' li jippreġudika ruħu fuq l-unicità tal-kirja bil-ħlas maqsum bejn iż-żewġ sidien. Iżda l-unicità tal-kirja u tal-kera ma kienux iġibu għall-konklużjoni tal-kreditur uniku, meta fil-fatti l-kredituri kienu tnejn.

Għaldaqstant id-depożiti ma kienux validi, u l-atturi għad għandhom dritt għall-ħlas tal-kera kif mitlub fit-taħrika:

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza, mhux ġa maqtugħa, kontra l-konvenut appellant.